**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 74**

L-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.03 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech u l-Onor. Stephen Spiteri kienu skużati.

L-Onor. Alex Muscat u l~~-Onor. Justin Schembri~~* kienu assenti.

**vide minuti tas-seduta 110 tat-Tnejn 17 ta' April 2023*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 73 li saret fl-10 ta' Jannar 2023 kienu kkonfermati.

Is-Sedja informat lill-Kamra li wara li rat il-komunikazzjoni mingħand l-Onor. Jo Etienne Abela b'referenza għall-assenza tiegħu fis-seduti 63 u 64 tat-30 ta' Novembru 2022, is-Sedja ordnat li ssir il-korrezzjoni tal-Minuti tas-seduti msemmija biex l-Onor. Membru jiġi reġistrat bħala skużat.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

P.L. 1156 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Justin Schembri fil-Laqgħa Interparlamentari dwar il-Ġurisdizzjoni Universali – titjib fil-kontabilità f'reati kriminali internazzjonali serji, li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell fit-28 ta' Novembru 2022;

P.L. 1157 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Justin Schembri fil-Laqgħa Interparlamentari dwar l-Evalwazzjoni tal-Attivitajiet tal-Eurojust li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell fit-30 ta' Novembru 2022;

P.L. 1158 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. David Agius fil-Laqgħa Interparlamentari dwar l-Ewropa fid-Dinja u l-appoġġ lill-Ukraina li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell fit-30 ta' Novembru 2022; u

P.L. 1159 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. David Agius fil-Laqgħa Interparlamentari dwar is-sitwazzjoni tas-saltna tad-dritt ġewwa l-Unjoni Ewropea li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell fl-1 ta' Diċembru 2022.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 4196 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1160 Tabella li turi d-dati matul l-2020 li fihom ltaqa' l-Compliance Monitoring Committee, tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5017;

P.L. 1161 Tabella li turi d-dati matul l-2021 li fihom ltaqa' l-Compliance Monitoring Committee, tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5018; u

P.L. 1162 Tabella li turi d-dati matul l-2022 li fihom ltaqa' l-Compliance Monitoring Committee, tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5019.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR STANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – ABBOZZ NRU 34

Il-Kamra rriżumiet mill-10 ta' Jannar 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570".

Fil-5.17 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, jirrapporta dwar ħidma tal-Kumitat.

## KUMITATI PERMANENTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, President tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, irrapporta li fil-laqgħa tal-10 ta' Jannar 2023, l-istess Kumitat għadda b'mod unanimu żewġ riżoluzzjonijiet dwar trasferiment ta' art lil:

1. Luqa St Andrews Football Club; u
2. Ħamrun Spartans Football Club; u

qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1163 Kuntratt bejn SportMalta u Luqa St Andrew's Football Club dwar trasferiment ta' art f'Ħal Luqa; u

P.L. 1164 Kuntratt bejn SportMalta u Ħamrun Spartans Football Club dwar trasferiment ta' art fil-Ħamrun.

## 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR STANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – ABBOZZ NRU 34 (KONTINWAZZJONI)

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Fil-5.37 p.m. id-dikussjoni kienet interrotta sabiex jitresssqu żewġ mozzjonijiet mingħajr avviż.

**PERMESS TAL-KAMRA**

**MOZZJONIJIET**

## 102. MOZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT TA' ART LIL LUQA ST ANDREW'S FOOTBALL CLUB

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, jipproponi:

Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ.

Jiġi mmassimizzat il-potenzjal ta' proprjetà li tinsab diġà fil-pussess ta' għaqdiet sportivi b'titolu ta' kera.

Din il-Kamra tirriżolvi li permezz ta' SportMalta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva – Luqa St Andrew's Football Club - art skont l-abbozz tal-att pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455) u li se jkun qed jinbidel tali titolu għal wieħed ta' ċens.

Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan l-imsemmi trasferiment.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 103. MOZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT TA' ART LIL ĦAMRUN SPARTANS FOOTBALL CLUB

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, jipproponi:

Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ.

Jiġi mmassimizzat il-potenzjal ta' proprjetà li tinsab diġà fil-pussess ta' għaqdiet sportivi b'titolu ta' kera.

Din il-Kamra tirriżolvi li permezz ta' Sport Malta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva – Ħamrun Spartans Football Club – art skont l-abbozz tal-att pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455) u li se jkun qed jinbidel tali titolu għal wieħed ta' ċens.

Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan l-imsemmi trasferiment.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR STANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – ABBOZZ NRU 34 (KONTINWAZZJONI)

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Carmelo Abela għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Jerome Caruana Cilia u l-Onor. Eve Borg Bonello għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fis-7.00 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

## AĠĠORNAMENT

Fis-7.00 p.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 16 ta' Jannar 2023 fid-9.30 a.m., b'din l-aġenda:

**<u>Mozzjonijiet</u>**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, Kap. 261, u dispożizzjonijiet anċillari".

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali — Tielet Qari

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

-----

Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali — Kumitat Permanenti

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kamra li din is-seduta se tkun mingħajr mistoqsijiet parlamentari u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Toni Bezzina u mill-Onor. Ian Vassallo.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Toni Bezzina, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1165 Artiklu li deher fuq is-sit online *Times of Malta* fl-10 ta' Jannar 2023 bl-isem 'It smells like diarrhoea': – drainage spills are marring Wied iż-Żurrieq'.

Fis-7.29 p.m. id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar 2023 fid-9.30 a.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**